MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1006/2003

**Francis Bugeja**

**Vs**

**Emmanuel Baldacchino**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab l-ammont ta' Lm500 (hames mitt lira Maltin) rapprezentanti danni kkagunati fil-vettura tieghu FBM 151 misjuqa minn martu Sandra Bugeja f'incident stradali li sehh f'Hal Qormi meta l-vann numru EAP 827 misjuq mill-konvenut habat mal-vettura ta' l-attur, ghal liema ncident il-konvenut huwa unikament responsabbli.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li l-ammont mitlub mhux dovut billi l-incident stradali in kwistjoni sehh minhabba t-tort u l-htija ta' l-istess attur.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi l-fatti huma kkontestati. L-partijiet taw zewg verzjonijiet differenti ta' kif sehh l-incident in kwistjoni.

Illi skond ix-xhieda ta' Sandra Bugeja li kienet qed issuq il-vettura numru FBM 151 dak il-hin ta' l-incident, l-incident sehh meta qabel ma kienet ser iddur mar-roundabout f'Hal Qormi biex tmur lejn il-Hamrun, il-konvenut li kien quddiem il-vettura taghha – "dar fuq ix-xellug minghajr indicator u strah fuqi(ha)." Hija spjegat lit-Tribunal li meta qalet "strah fuqi" hija riedet tghid li l-konvenut bil-vettura EAP 827 nizel bil-mod lura u habat fil-vettura taghha.

Illi skond ix-xhieda tal-konvenut l-incident sehh meta huwa kien sejjer fid-direzzjoni ta' Birkirkara u fil-mument li dar sab it-traffiku quddiemu u waqaf. Kien dak il-hin li Sandra Bugeja bil-vettura taghha habtet fil-vann tieghu.

Illi matul il-kawza gie ppruvat li vettura ta' l-attur garbet hsarat fil-bumper, mudguard, indicator tan-naha tax-xellug u fil-bonett. Skond dan it-Tribunal, dawn il-hsarat jaghtu ndikazzjoni ta' kif verament sehh l-incident. Il-fatt li l-vettura FBM 151 garbet hsara konsiderevoli jaghmel inqas kreddibli l-verzjoni ta' Sandra Bugeja, fis-sens illi jekk il-konvenut verament "strah" bil-mod fuq il-vettura taghha din ma kienetx iggarrab din il-hsara kollha. Ghalhekk il-verzjoni tal-fatti tal-konvenut hija aktar kredibbli. Jekk il-konvenut mexa lura wiehed kien jippretendi li Sandra Bugeja kienet tikteb hekk fil-Front to Rear form.
Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jichad it-talba ta' l-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------